MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili Numru. 37/2010

**Carmel Zammit**

**vs**

**Office Group Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-13 ta' Ottubru 2010 it-Tribubal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"1. Introduzzjoni***

*Dan il-kaz gie intavolat mill-Avukat Owen Bonnici f'isem ir-rikorrent Carmel Zammit permezz ta' rikors fl-24 ta' Lulju 2009 fejn gie allegat li dan kien imkecci minn mas-socjeta' intimata Office Group Limited fit-30 ta' Gunju 2009 ghal raguni kontra l-ligi. Is-socjeta` intimata li kienet*

*rapprezentata mill-Managing Director, Anthony Micallef, assistit mill-Avukat Ian Spiteri Bailey, cahdet dan.*

*Inzammu sitt seduti.*

*Ai termini tal-artikolu 78 (1) tal-Kap 452 irid jinghad li minhabba d-differimenti li ntalbu waqt is-smigh tal-kaz kif ukoll minhabba nuqqasijiet infrastrutturali ma kienx possibbli li l-kaz jinqata' fi zmien xahar kif preskritt mill-istess Kap. Irid jinghad ukoll illi l-kaz gie assenjat lie-Chairman odjern fl-20 ta' Jannar 2010 wara li c-Chairman precedenti kien astjena.*

***2. Fatti tal-Kaz***

*Ir-rikorrent jghid li wara li kien ilu sbatax-il sena jahdem mas-Socjeta` Intimata fejn wettaq diversi kwalitajiet ta' xoghol huwa gie mghajjat fit-30 ta' Gunju 2009 mill-Managing Director li qallu li kellu ahbar xejn sabiha. Fill-fatt infurmah li kien se jatih is-sensja minhabba nuqqas ta' xoghol. Huwa gie moghti cekk bl-ammont ekwivalenti ghan-notice li kien dovut lilu. Jghid ukoll illi certu Kevin Pace li kellu servizz inqas minnu wara t-tluq tieghu nghata xoghol li kien jaghmel hu meta kien ghadu mpjegat. Is-Socjeta` Intimata tghid illi r-rikorrent gie licenzjat semplicement ghal raguni ta' redundancy wara li kienet qed taghmel rijorganizzazzjoni u mxiet mal-ligi.*

***<u>3. Konsiderazzjonijiet</u>***

*Irid jinghad illi s-Socjeta` Intimata ma gabitx provi li kienet qed taghmel rijorganizzazzjoni. Kull ma gie prezentat kienet semplicement ittra li nghatat lill-impjegati fejn kien hemm imhabbar ic-caqlieq. It-Tribunal la ra accounts, la sama' accountants u wisq inqas gie prezentat b'xi business plan. Minkejja dan it-Tribunal ghal grazzja tal-argument qed jassumi li kien hemm bzonn ta' rijorganizzazzjoni fi hdan is-socjeta`. Dan it-Tribunal dejjem irrikonoxxa illi fejn hemm bzonn ta' rijorganizzazzjoni din kellha ssir avolja tirrizulta f'xi licenzjament, Wara kollox jekk hemm bzonn socjeta` tista` tkun kostretta tilqa' ghal sitwazzjoni difficli billi*

*tissalvagwarda l-assi taghha u tippreserva l-postijiet tax-xoghol. Madankollu kollox irid isir skont il-ligi u jekk ikun hemm bzonn li ssir xi redundancy din ghandha ssir skont id-dettami tal-ligi.*

*Huwa f'dan l-isfond li t-Tribunal kellu jqis il-kaz in ezami. Ir-rikorrent li kellu 17-il sena ta' servizz leali u impekkabbli kien wiehed li safa vittma ta' din ir-rijorganizazzjoni. Id-domanda tqum wahedha: ghaliex misset lill-impjegat bl-itwal servizz fis-Socjeta` l-licenzjament allegatament minhabba redundancy? Risposta cara ma inghatatx. Izda ntqal biss li wara l-licenzjament tar-Rikorrent id-doveri precedentement maghmulin minnu tqassmu ma impjegati ohra, inkluz Kevin Pace li kien qabel assistent tieghu.*

*Il-Kap 452 jitkellem car fuq kazi ta' redundancy. L-artikolu 36 (4) f'kazi ta' redundancy jghid testwalment li l-principal "ghandu jtemm l-impieg ta' dik il-persuna li tkun impjegata l-ahhar fil-klassi ta' impieg milquta minn dik ir-redundancy". Fl-istess ligi hemm definizzjoni ta' "klassi", l-artikolu 2 tal-Kap 452 jghid li "klassi" (f'kazi fejn ma hemmx ftehim kollettiv) ghandha tinftiehem "ghal xoghol maghmul jew mistenni li jsir* ***indipendenti mit-titolu jew l-isem moghti lill-kariga"*** *(enfasi tat-Tribunal). Dan it-Tribunal ga kellu okkazjoni japprofondixxi fuq dan il-punt f'kuntest differenti fid-decizjoni numru 2004 tat-2-ta' Gunju 2010 fil-kaz Louis Facciol vs Aeolos Company Limited.*

*Jirrizulta li r-Rikorrent ghad li kellu t-titolu ta' storekeeper wettaq doveri varji inkluzi gbir ta' djun dovuti lis-Socjeta`, xi xoghol fl-accounts u fil-purchasing (seduta tal-24 ta' Frar 2010 fol. 2-3). Irid jinghad ukoll li hu kellu s-servizz interrott peress li ghal xi zmien kien qed jahdem f'ristorant tal-istess propjetarji ghad li l-ufficcju tieghu dejjem kien fil-premises tas-Socjeta` Intimata. Jghid li l-accountant ghamel zball meta ttrasferih ghal dik il-kumpanijja l-ohra. Il-mod xejn ortodoss li bih xi mpjegati jkunu mnizzlin fil-kotba taghhom tidher li din is-socjeta` ghamlitu drabi ohra. Per ezempju impjegati ta' socjeta` li jirrapprezentaw f'Malta huma imnizzlin bhala impjegati taghhom ghad li bhala salarju ecc huma akkarigu ta' din is-socjeta` barranija. Izda anke kieku wiehed kellu jaccetta l-fatt li*

*kien sekondat ma' kumpanijja ohra meta rega' lura lejn il-post qadim tieghu xorta kellu seniority ta' ftit jiem fuq Kevin Pace u ghalhekk kien imissu hu li jitlaq bir-redundancy qabel ir-rikorrent. Jirrizulta wkoll illi wara t-tluq tar-rikorrent u minghajr ma gie offrut l-impieg mill-gdid lilu s-Socjeta` Intimata impjegat accounts assistant bi ksur tal-artikolu 36 (3) tal-Kap 452. Is-Socjeta` tghid l-impieg ta' din il-persuna gie terminat ftit wara waqt il-perijodu ta' prova. Izda jibqa' l-fatt li impieg fil-fatt sehh.*

***4. Decizjoni***

*It-Tribunal Industrali jiddeciedi li r-Rikorrent Carmel Zammit gie licenzjat minn mas-Socjeta` Intimata Office Group Limited ghal raguni li la hi legali u lanqas gusta.*

***5. Kumpens***

*Wara li ra l-artikolu 81 (2a) it-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrent fl-ammont ta' €7,000 li jridu jithallsu in kwantu ghal €4,000 immedjatament u l-bqija mhux iktar tard mil-31 ta' Dicembru 2010.*

*B'hekk jintemm dan il-kaz.*

***6. Drittijiet***

*Ai termini tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93.17 kull wiehed.*

Rat ir-rikors tal-Appell tas-socjeta` intimata Office Group Limited datat 22 ta' Ottubru 2010 fejn talbet lill-Qorti sabiex ghar-ragunijiet hemm premessi thassar u tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tat-13 ta' Ottubru 2010 billi tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellat.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Frar 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta’ Frar 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Ian Spiteri Bailey u Anthony Micallef ghas-socjeta` appellanti u Dr. Owen Bonnici ghall-appellat. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell giet differit ghas-sentenza ghall-4 ta’ Ottubru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi s-socjeta’ appellanti appellat minn din id-decizjoni ghaliex sostniet li (a) gie applikata l-ligi hazin ghaliex il-kuncett ta’ *“last in first out”* kontemplat fl-**artikolu 36 (4) tal-Kap. 452** kien japplika biss ghall l-istess klassi ta’ impjieg u allura meta t-Tribunal sostna li inkisret din ir-regola ghaliex l-appellat kellhu *seniority* fuq Kevin Pace u allura messu spicca dan ta’ l-ahhar, allura kien hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi ghaliex Kevin Pace ma kienux jaghmlu l-istess tip ta’ xoghol ghaliex wiehed kien deskritt bhala storekeeper u l-iehor bhala delivery man – u dawn iz-zewgt tipijiet ta’ xoghol mhux komparabbli skond kif deciz fid-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet **“Louis Facciol vs Aeolos Company Limited”** tat-2 ta’ Gunju 2010; (2) kien hemm verament kaz ta’ *redundancy* minhabba li l-kumpanija kienet qed taghmel ezercizzju ta’ restructuring u ghalhekk kienx hemm bzonn ta’ tnaqqis ta’ impjegati – li hija kwistjoni ta’ *“test of factual causation* (that) *should be applied; the correct approach is to treat the question as “a factual inquiry, without any artificial subtlety”* (**Murray vs Foyle Meats Limited”** (1999. IRLR 562 per Lord Irvine LC). Mela allura jekk jirrizulta li kien hemm bzonn ta’ tnaqqis ta’ haddiema, l-unika haga li kellha issir kien biss jekk il-principju ta’ *seniority* giex segwiet; (3) kien hemm motivazzjonijiet kontradittorji, inkoerenti u illogici u dan ghaliex la darba l-appellat u Kevin Pace kellhom xoghol differenti mela allura ma seghax jappplika fil-kaz taghhom il-principju ta’ seniority ta’ *last in first out* u ghalkemm it-Tribunal irrefera ghall-dak li jipprovdi l-**Kap. 452** fis-sens li d-definizzjoni ta’ klassi

tirreferi ghall xoghol maghmul u mistenni indipendentement mit-titolu jew isem moghti lill-kariga, xorta jibqa' l-fatt li Kevin Pace kien jaghmel xoghol ta' *delivery man* mentri l-appellat ma kienx jaghmel tali xoghol minkejja li kien jaghmel xoghol varju mhux biss ta' *storekeeper* u ghalhekk f'dan il-kaz kien hemm motivazzjoni kontradittorja li tirrendi l-istess decizjoni nulla u bla effett skond kif deciz fis-sentenza **"Antionette Vella vs CareMalta Limited"** (A.I.C. (PS) – 21 ta' Mejju 2010).

Illi din il-Qorti wara li ezaminat l-atti processwali thoss li ghandha tghid li ghalkemm l-istess appell qed jigi pprezentat fl-ewwel aggravju tieghu bhala punt ta' dritt (**artikolu 82 (3) tal-Kap. 452)** li minnu hemm appell quddiem din il-Qorti, fil-verita' certament ghal dak li kienet ir-raguni moghtija ta' tkeccija tal-appellat mis-socjeta appellanti, u cjoe' dik ta' *redundancy,* minkejja l-mod kif impost l-appell, din hija konsiderazzjoni ta' fatt u mhux ta' dritt, ghaliex l-aggravju li qed jitqajjem huwa li fil-fatt kien hemm kaz ta' *redundancy* ghaliex gie pruvat li kien hemm process ta' *restructuring* dejjem skont l-istess socjeta' appellanti.

Illi dwar id-definizzjoni ta' *redundancy* dan huwa punt ta' dritt, izda l-applikazzjoni tal-proncipju *per se* ghall fatti tal-kaz huma punt ta' fatt kif gie deciz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Theuma vs Alfred Mangion et"** (A.I.C. (PS) – 23 ta' Mejju 2008) u jidher li fl-ewwel lok f'dan l-appell huwa l-apprezzament ta' provi li ghamel it-Tribunal Industrijali (It-Tribunal) li qed jigi verament kontestat u fuq dan il-punt li qed issir dan l-appell odjern minkejja l-kliem uzat u kif l-istess appell gie impostat.

Illi pero' anke jekk l-appell jigi ezaminat kif jittenta li jigi propost fil-verita' jidher pero' li s-socjeta' appellanti injorat ir-ragunijiet principali moghtija mit-Tribunal sabiex wasal ghad-decizjoni tieghu u dan ghaliex l-istess Tribunal sostna minghajr *mezzi termini* li ghalkemm is-socjeta' appellanti sostniet li kien hemm *redundancy* ghaliex kienet saret rijorganizzazzjoni tas-socjeta' minhabba allegat telf li kienet qed taghmel din il-kumpanija, effettivament l-istess Tribunal sostna li dan ma giex ippruvat mill-istess socjeta'

ghaliex *"kull ma gie prezentat kienet semplicement ittra li nghatat lill-impjegati fejn kien hemm imhabbar ic-caqlieq. It-Tribunal la ra accounts, la sama' accountants u wisq inqas gie prezentat b'xi business plan".*

Illi mela allura din kienet il-bazi tas-sentenza tat-Tribunal li minkejja li l-appellat tkecca minhabba raguni ta' *redundancy*, bhala fatt tali r*edundancy* ma gietx ippruvata ghaliex ir-rijorganizzjoni allegata mis-socjeta' appellanti ma rrizultatx almenu mill-provi sottomessi quddiem it-Tribunal, u fil-fatt ma hemm xejn f'dan l-appell li jista' b'xi mod jikkontrasta din is-sitwazzjoni, mhux lanqas id-Dok. "A" – konsistenti f'Memo, li hija l-unika dokument li s-socjeta' appellanti ssotomettiet, dokument li certament ma jipprovax ir-rijorganizzazzjoni msemmija, u wisq inqas l-istat allegat tas-socjeta' appellanti fl-isfond tad-diffikultajiet li hija sostniet li kienet qed tiltaqa' maghhom, haga li hija difficli hafna sabiex tirrikoncilja mal-artikolu li hareg f'gazzetta lokali dwar is-succes li kienet qed taghmel l-istess socjeta' u l-qaghda taghha finanzjarja mill-aqwa fil-harga datata 14 ta' Jannar 2009 (fol. 22). Dan kollu huwa injorat fl-appell u li huwa importanti u vitali f'dawn il-konsiderazzjonijiet, huwa li d-decizjoni tat-Tribunal kienet l-ewwel u fuq kollox li dan ma kienx kaz ta' *redundancy* u hija fil-fatt fil-kompetenza tal-istess Tribunal, bhala punt ta' fatt, li jevalwa ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz fil-qafas propju taghhom biex jassikura jekk it-terminazzjoni kienitx dovuta verament ghal *redundancy* **("Jean Portelli vs Office Group Limited"** – A.I.C. (PS) – 25 ta' Gunju 2010).

Illi anke fil-kuntest legali ta' x'inhi *redundancy* jinghad li ghalkemm ma hemmx tifsira ta' *redundancy* fil-ligi jirrizulta li l-Ligi Maltija segwiet it-tifsira Ngliza ghall-istess u din tidher tikkonsisti f'dak li gie citat fis-sentenza fl-ismijiet **"Alessandra Theuma vs Alfred Mangion et** (A.I.C. – 23 ta' Mejju 2008) fejn giet affermat inghad li -

*"Fuq din il-materja ta' redundancy jidher li l-kaziztika tal-Qrati Inglizi stabbilit dawn il-linji gwida, u cjoe':-*

*(a) was the employee dismissed;*

*(b) If so, had the requirements of the business for the employees to carry out the work of a particular kind ceased or diminished (or were expected to do so)?*

*(c) If so, was the dismissal caused wholly or mainly by that state of affairs".*

*"Tissokta tirritjeni s-sentenza "**Safe Stores plc vs Burrell"** (1997) li l-minnha l-precitat kweziti ttiehdu, illi taht punt (b) l-element krucjali hu dak jekk verament kien hemm tnaqqis fil-business requirements di fronte ghall impjegat. Espicitament, tesprimi "in deciding that, tribunals should not introduce "a contract test" whereby they just considered the specific tasks the applicant was employed for". Illi wkoll f'din l-istess linja ta' hsieb is-sentenza **"Shawkat vs Nottingham Hospital NHS Trust"** u ghall certu sens, mhux lanqas 'il-boghod minnhom, id-decizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Victoria Spiteri vs St. Catherine's High School"** (18 ta' Ottubru 2006) u **"John Bartolo vs International Machinery Limited"** (9 ta'Mejju 2007".*

Illi dwar il-kuncett ta' redundancy dan gie ikkunsidrat fis-sentenza ricenti fl-ismijiet **"Remi Armeni vs Francis Busuttil & Sons Limited"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Gunju 2011) fejn inghad li nghad li ghalkemm il-ligi ma tipprovdix definizzjoni ta' *redundancy* din tirrizulta skond il-gurisprudenza li hija is-segwenti:--

*"Redunancy is considered to have taken place when;*

*a) The employer ceases to carry on the business in which the employee was engaged or closes down the place in which he/she was working.* -

*b) The business ceases to require people with the particular skills of the employee or needs fewer of them to carry out the work.*

*c) The dismissal is for a reason not related to the individual concerned or for a number of reasons all of which are not so related"* u din kienet id-definizzjoni

korretta kif indikata fis-sentenzi **"Alessandra Theuma vs Alfred Mangion et** (A.I.C. (PS) – 23 ta' Mejju 2008) u **"Andrew Barbara vs P.E. Trading Ltd"** (A.I.C. (PS) – 5 ta' Marzu 2010)

Illi ma` dan jizdied jinghad li fis-sentenza **"Dr. George Manara vs l-Perit Edwin Borg Costanzi"** (A.C. – 14 ta' Mejju 1990) fejn saret differenza bejn tkeccija minhabba *good and sufficient cause* inkluz tkeccija *"owing to the occurence of an intervening event or change of circumstances so fundamental as to be regarded by the law as striking at the root of the agreement, and as entirely beyond what was contemplated by the parties when they entered into an agreement"* u dik a bazi ta' *redundancy*, u dan proprju ghaliex inghad li l-Legislatur *"riedx jaghti lok biex employer bl-iskuza ta' l-ezistenza ta' ragunijiet li m'ghandux kontroll fuqhom, jevadi li jhallas dak li evidentement il-legislatur riedu jhallas f''kaz ta' redundancy".*

Illi ghalhekk f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-mistoqsija li trid tigi mposta f'kaz ta' *redundancy* hija jekk ix-xoghol li kien qed jaghmel l-impjegat baqax mehtieg ghall-*employer,* u jekk kienx hemm bzonn l-operat tal-impjegat sabiex ikompli fl-istess xoghol, u din il-Qorti thoss f'dan il-kuntest gie ppruvat li x-xoghol tal-appellat kien u baqa' necessarju tant li jirrizulta li dan inghata lill-impjegati ohra li kienu gew impjegati warajh, b'dan li mill-provi prodotti, jirrizulta li x-xoghol kollu li kien effettivament qed jaghmel l-istess appelat, inkluz dak skond in-nomenklatura tax-xoghol tieghu bhala *storekeeper* beda jsir minn impjegati ohra bhal ma kien Kevin Pace, li ghalkemm id-deskrizzjoni tax-xoghol tieghu kienet u baqghet bhala *deliveryman* fil-fatt beda jaqdi wkoll l-funzjoni ta' *storekeeper* bhal ma jidher li ghamel xogholijiet ohra tant li kien konsidrat bhala l-assistent tal-appellat.

Illi ghalhekk jidher li x-xoghol li kien qed jaghmel l-istess appellat kien u baqa' bzonnjuz u essenzjali tant li kull ma ghamlet l-istess socjeta' appellanti kienet biss li qassmet ix-xoghol tieghu lill impjegati ohra li kienu ilhom anke jahdmu inqas mal-istess socjeta' u wkoll jidher li kellhom

paga inqas, b'dan li ma jistax jinghad taht l-ebda cirkorstanza li x-xoghol li kien qed jaghmel l-appellat gie *redundant,* jew ma baqax izjed bzonnjuz, izda jidher li dak li s-socjeta' riedet taghmel huwa li tittermina x-xoghol tal-appellat, ghar-ragunijiet taghha, u dan tghaddih lill-impjegati ohra, anke jekk ta' "klassi" differenti – fis-sens biss ta' titolu ta' xoghol divers - b'abbuz tal-ligi u tal-kuncett ta' *redundancy*. Ghall ragunijiet li issa huma ovvji, dan kollu gie injorat mis-socjeta' appellanti fl-appell taghha quddiem din il-Qorti, pero' din il-Qorti tara li dan kollu johrog car mid-decizjoni tat-Tribunal Industrijali li fil-verita' mexa fuq il-fatti esposti quddiemu.

Illi s-socjeta' appellanti mbaghad ghaddiet sabiex tikkontesta dak li t-Tribunal sostna li biss *"ghall grazzja tal-argument"* ghaliex ghalkemm ma qabilx li dan kien kaz ta' *redundancy*, sostna li jekk jigi kkunsidrat li dan kien hekk il-kaz, xorta wahda ma gietx osservata ir-regola ta' *"last in first out"* u dan ghaliex kieku applikata tali regola Kevin Pace kellhu jitkecca qabel l-appellat. Hawn is-socjeta' appellanti ssostni li hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi, ghaliex tali regola tapplika biss f'kazijiet ta' impjegati fl-istess klassi ta' xoghol u allura skond hija l-Bord interpreta l-Ligi hazin.

Illi fuq dan l-aggravju din il-Qorti thoss li dak li effettivament qed jghid l-appellant huwa li l-Ligi giet applikata hazin u mhux li kien hemm xi interpretazzjoni hazina tal-ligi, u dan peress li dak li effettivament is-socjeta' appellanti qed tilmenta minnu huwa li tali principju ma setghax jigi applikat ghall kaz in ezami ghaliex Kevin Pace kellhu deskrezzjoni ta' xoghol differenti minn dik ta' l-appellat. Dan fih innifsu iwassal ghall konsiderazzjoni ta' fatt li ma humiex appellabbli quddiem din il-Qorti, pero' anke *"jekk ghall grazzja tal-argument"* dan jitqies li mhux il-kaz, jinghad li fid-decizjoni tieghu t-Tribunal ghamilha cara kemm jista' jkun, tant li kull min jaqra d-decizjoni tieghu sew jista' jifhima jekk irid, li l-kumpanija minkejja d-denomazzjonijiet li kienet taghti lill-impjegati, fil-fatt u fil-verita' l-istess impjegati kienu jitqabdu (u ghadhom jitqabbdu) jaghmlu diversi xogholijiet, b'dan li ghalkemm l-appellat kien indikat li jaghmel xoghol ta' *storekeeper*

huwa kien jagħmel kull ma kien jitqabbad jagħmel mill-istess socjeta', u hekk kien issir, u Kevin Pace, bħal impjegati oħra, minkejja li kien u għadu indikat bħala delivery man, kien qed jagħmel u qed jagħmel diversi xogħolijiet oħra, u sinifikanti, li wara t-tkeccija tal-appellat, kien qed jagħmel ix-xogħol tal-appellat. Dan ifisser li (a) li mhux minnu li x-xogħol tal-appellat gie redundant għaliex baqa' jsir minn impjegati oħra; (b) li minkejja d-denominazzjoni ta' xogħol ta' kull impjegat, fil-verita' s-socjeta' kienet tqabbad lill-impjegati tagħha, nkluzi l-appellat u Kevin Pace sabiex jagħmlu diversi xogħolijiet, u f'dan il-kaz anke l-istess xogħol, u allura fuq dan il-binarju, l-istess Tribunal effettivament iddecieda li in realta' l-istess zewgt persuni kienu qed jagħmlu l-istess tip ta' xogħol, u wara li spicca l-appellat, ir-rwol tiegħu gie assunt għall kollox minn Kevin Pace, li kien daħal jaħdem wara l-appellat, u kien hawn li t-Tribunal applika korrettament (u mhux interpretta) li l-principju ta' last in first out ma' giex applikat tajjeb, għaliex ibbazat fuq il-prassi addottata mis-socjeta' appellanti, d-denominazzjoni tax-xogħol ta' kull impjegat kienet irrelevanti tenut kont tal-fatt li kull impjegat kien jitqabbad jagħmel diversi xogħolijiet li ma kienux certament jaqgħu taħt id-denomizzjoni ta' impjieg tiegħu. Huwa taħt dan l-aspett li din id-decizjoni hawn appellata kellha titieħed, u mhux sew u lejali għall din il-Qorti, li dan kollu jigi njorat mis-socjeta' appellanti fl-appell tagħha u dan iktar u iktar meta d-decizjoni tat-Tribunal giet mogħtija f'dan il-kuntest. B'hekk dawn l-aggravji tas-socjeta' appellanti qed jigu miċħuda.

Illi dwar l-allegazzjoni li d-decizjoni tat-Tribunal għandha motivazzjonijiet kontradittorji dawn skond is-socjeta' appellanti jikkonsistu fl-allegazzjoni li minkejja li Tribunal sostna li l-appellat kien qed jagħmel xogħolijiet varji u allura mar fuq ix-xorta ta' xogħol li effettivament kien issir u mhux fuq id-denominazzjoni jew titolu li bih kien impjegat u allura mexa skond dak li jipprovdi bħala defizzjoni ta' klassi l-Kap. 452, izda naqas li jara li effettivament Kevin Pace kien jagħmel xogħol ta' *delivery man,* xogħol li qatt ma kien jagħmel l-appellat.

Illi hawn s-socjeta' appellanti qed tipprova ddawwar ingustament l-argument li uza l-istess Tribunal, u dan ghaliex dak li d-decizjoni hawn appellata tghid huwa li x-xoghol li kien qed jaghmel l-appellat, kien qed issir, u wara tkeccija, gie ghal kollox assunt minn Kevin Pace, u hawn qamet il-mistoqsija ghaliex allura tkecca l-appellat, meta ix-xoghol tieghu baqa' necessarju, ma giex *redundant,* u tkecciet persuna li kienet ilha 17 il-sena mas-socjeta' appellanti, u inzamm minflok dak li kien deskritt bhala assistent tieghu, li dahal warajh. Mela allura anke fuq dan il-punt l-aggravju tas-socjeta' appellanti ma huwiex gustifikat u certament li d-decizjoni appellata ma ghandhiex il-kontradizzjonijiet indikati fis-sentenza **"Antionette Vella vs CareMalta Limited"** fuq citata datata 21 ta' Mejju 2010 u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi biex taghlaq din il-Qorti tirreferi ghall-appell tas-socjeta' appellanti f'dak li huwa l-parti konkluzziza tieghu fejn jija tghid li l-appell ghandhu gie milqugh ghaliex (1) gie ppruvat li kien hemm process ta' *restructuring;* (2) li l-inkarigu ta' *storekeeper* ma kienx iktar necessarju; (3) Kevin Pace u l-appellat ma kienux impjegati ta' l-istess klassi bhala fatt; hawn il-Qorti ssin li attwalment l-ebda wahda minn dawn l-allegati fatti allegati mis-socjeta' appellanti ma gew ippruvati, kif indikat fis-sentenza tat-Tribunal u ta' din il-Qorti, u apparti li dawn lanqas jikkombaccjaw mal-appell attwalment u suppost interpost mis-socjeta' appellanti, dan ukoll irendi l-istess appell bhala infondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk qed jigi michud ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti Office Group Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 22 ta' Ottubru 2010 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet "Carmel Zammit vs Office Group Limited"**

**datata 13 ta’ Ottubru 2010 ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi, u allura ta’ dan l-appell ukoll, a karigu tas-socjeta’ appellanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------